GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-hamsa u erbghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju** | Mary E Azzopardi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.10p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 44**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is Sindku spjega li l-MEPA issa infurmatna li t-talba taghna sabiex ir-refurbishment tal-latrina pubblika ikun iffinanzjat mill-UIF mhux ser tintlaqa. F'dan ir-rigward kif ukoll peress li l-Kunsill, wara diskussjoni ikkonkluda li l-offerta mitfuha wara sejha pubblika ghar-refurbishment tal-latrini kienet gholja, gie unanimament deciz li ghalissa ma jsir xejn aktar u x-xoghol ippjanat ma jsirx. Gie unanimament deciz li ninfurmaw lil Camray b'dan kif ukoll nibghatu lura l-Bid Bond. Rigward il-UIF ser issir laqgha mill-MEPA u ghaliha ser jattendu l-Agent Segretarju u l-Kunsillier Pio Fenech.

**3.2** ***Para 3.2 – Triq il-Gdida*** : Is-Sindku nforma li x-xoghol miexi u issa nistennew li fil-granet li gejjin isir il-kisi bit-tarmak.

***Il-kunsillier Michael Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7.00pm***

**3.3** ***Para 3.3 – Xelter :*** Il-Kunsilliera Pio Fenech u Michael Mifsud iltaqghu u marru fuq il-post sabiex jaraw minn fejn l-ahjar li jinfetah access. Gie unanimament deciz li l-entratura issir minn Triq Mons Luigi Catania c/w ma Triq Ferdinand.

**3.4** ***Para 3.4 – Barriers :*** Is-Sindku nforma li ghadna ma rcivejniex risposta minghand l-ADT . Gie unanimament deciz li jekk nibqghu ma nircevux risposta sal-15 ta' Jannar nipprocedu bit-twahhil tal-barriers kif ukoll it-tabelli ta' Triq Santa Katerina jinqalghu.

**3.5** ***Para 3.8 – Cabinet tal-Go:*** Is-Sindku nforma li konna rcivejna minghand il-Go fejn dawn accettaw li jaghtu donazzjoni ta' €2000 lill-Kunsill Lokali.

**3.6** ***Para 3.9 - Birguma By Pass :*** Is-Sindku nforma li d-Direttur Paul Buhagiar kien irrezenja u il-Perit David Vassallo issa hu responsabbli mit-toroq. Gie unanimament deciz li niktbu lil CEO ta' l-ADT dwar diversi xogholijiet li ilhom pendenti ghal hafna xhur.

**3.7** ***Para 3.10 – Kors tal-Komputer:*** Il-Kunsillier Pio Fenech informa li dawn kienu se jibdew kull nhar t'Erbgha u se jibdew minn din il-gimgha. Huwa nforma li kellna konkorrenza tajba. Il-lezzjonijiet ser ikunu mid-9.00am sal-11.00am, mill-11.00am sas-1.00pm, mill-4.00pm sas-6.00pm. u mis-6.00pm sat-8.00pm. Il-Kunsillier Fenech ser jkun fl-ufficcju biex jiehu hsieb.

**3.8** ***Para 3.13 –Bring in Site*:** Is-Sindku nforma li flimkien mal-Kunsillier Pio Fenech kien ltaqa' mal-Kappillan u dan ma kienx favur dan il-progett peress li vicin il-post propost hu mahsub li jsir l-access ghall-persuni b'dizabilita' meta tinbena l-bitha ta' biswit is-Sala Parokkjali. Konna infurmajna lill-Wasteserv b'dan. Il-Wasteserv infurmawna li huma ghandhom proposta gdida u xtaqu li jiltaqghu mal-Kapillan u l-Perit tieghu. Is-Sur Joe Mifsud mill-Wasteserv qed jiehu hsieb din l-inizjattiva. Gie unanimament deciz li ninfurmaw lill-Kapillan bit-talba tal-Wasteserv.

**3.9** ***Para 3.16 – Klieb – Ta' Xwieki:*** Is-Sindku nforma li Dr Mario Spiteri mill-MRRA kien ikkonfermalna li flimkien mal-Pulizija ta' l-ALE kienu gew u qabdu 6 iklieb.

**3.10** ***Para 3.17 – Dog Bins:*** Is-Sindku nforma li dawn issa gew imwahhla fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

**3.11** ***Para 3.18 – Zvilupp fi Triq San Gwann:*** Is-Sindku nforma li konna rcivejna ittra minghand il-Gharghur Developments Ltd fejn dawn ikkonfermaw li l-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghol tad-drenagg hu l-Asfaltar Ltd. Gie unanimament deciz li niktbu lil Asfaltar u ninfurmawhom bil-kundizzjonijiet tal-permess.

**3.12** ***Para 3.24 – Fuljett:*** Gie unanimament deciz li l-fuljett jitlesta kemm jista jkun malajr.

**3.13** ***Para 3.25 – Fanal Triq il-Kbira u Triq St Katerina:*** Is-Sindku nforma li l-fanal fi Triq il-Kbira kien twahhal u qieghed jixghel u kienu twahhlu wkoll il-lampi fi Triq St Katerina. Jonqos biss li wahda mill-bozoz ta' Triq Sta Katerina titqabbad mill-Enemalta.

**3.14** ***Para 5.2 – Patching fi Triq St Katerina u Triq Caravaggio:*** Gie unanimament deciz li jsir patching permezz ta' hot rolled asphalt fi Triq Caravaggio minn Triq 31 ta' Marzu sa Triq il-Gnien. Gie unanimament deciz ukoll li Triq Santa Katerina tinkesa ukoll bil-hot rolled asphalt. L-Agent Segretarju ser tiehu hsieb li iggib stima ghal dawn ix-xogholijiet minghand Bitmac Ltd. Decizjoni finali tittiehed f'laqgha ohra.

**3.15** ***Para 7.3 –Hajt tas-Sejjieh fi Triq Ghaxqet l-Ghajn:*** Is-Sindku nforma li se jinghata l-konkos fuq dan il-hajt il-Hamis li gej. Se jkun hemm prezenti l-kunsilliera Alfred Muscat u Pio Fenech kif ukoll il-haddiema Albert Zarb u Joe Zarb.

**3.16** ***Para 7.7 – Hajt Triq Kromb il-Bahar:*** Il-Vici Sindku Mark Azzopardi nforma li kien kellem lil kuntrattur u dan kien qallu li dan il-hajt huwa biss temporanju u se jitnehha wara li jsir ix-xoghol.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent Segretarju ipprezentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

Filwaqt li l-ilmenti kollha li waslu l-Kunsill gew innotati, ittiehdu azzjonijiet fuq dawn lmenti hawn taht indikati :

**5.1** Talba minghand l-operatur ta' Emsin Market sabiex isir reserved parking quddiem il-hanut tieghu. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba peress li jhoss li din mhiex gustifikata kif ukoll fl-istess triq hemm diversi hwienet ohra li ma ghandhomx koncessjoni simili u qatt ma kellhom problemi sabiex jahdmu.

**5.2** Talba minghand resident sabiex nhar ta' Gimgha meta jkun qieghed jinhatt id-dqiq quddiem il-forn fi Triq Ferdinand, Triq il-Gnien issir two-way ghat-traffiku. Il-Kunsill unanimament ma jaqbilx ma dan is-suggeriment peress li nafu li l-forn dalwaqt jitlaq minn fejn qieghed kif ukoll jekk Triq il-Gnien issir two-way jista jkun hemm xi problemi.

**5.3** Talba minghand resident sabiex *double yellow lines* fi Triq Santa Katerina faccata tar-roundabout tat-Triq tal-Balal. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba.

**5.4** Talba minghand resident sabiex issir tabella ohra fi Triq Mons Luigi Catania (in-naha tal-Pjazza) li turi li din it-triq hija *one-way*. Gie innotat li diga hemm zewg tabelli li juru li din it-triq hi one-way.

**5.5** Talba minghand resident sabiex bankina fi Triq 31 ta' Marzu tinghata l-konkos mill-gdid peress li hi fi stat hazin ta' manutenzjoni. Gie unanimament deciz li din it-talba tintlaqa. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jiehu hsieb jikkoordina x-xoghol u li jgib stima minghand il-kuntrattur.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Email li rcivejna fl-24 ta' Dicembru 2008 mill-Go plc dwar donazzjoni ta' €2000.

Din l-email giet innotata.

**6.2** Email li rcivejna fid-9 ta' Dicembru 2008 Memo 37/2008 dwar Skema dwar Attivitajiet Kulturali.

Din l-email giet innotata.

**6.3** Email li rcivejna fil-5 ta' Jannar 2009 mill-MEPA dwar Skedar ta' Mtiehen tar-Rih Antiki.

Gie deciz li l-Kunsill jibghat lista ta' bini antik li fl-opinjoni tal-Kunsill ghandu jigi skedat.

**6.4** Email li rcivejna fis-6 ta' Jannar 2009 mid-Dipt ta' Gvern Lokali dwar spezzjoni ta' toroq rurali fil-lokalita'.

Din l-email giet innotata u gie deciz li ghandu jsir sforz akbar fil-qtuh tal-haxix.

**6.5** Email li rcivejna fis-7 ta' Jannar 2009 – Memo 01-2009 dwar Attivitajiet Kulturali ghal matul -2009.

Din l-email giet innotata u se nirrispondu ghaliha

**6.6** Email li rcivejna fis-17 ta' Dicembru 2008 mis-Segretarju Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali dwar Call Letter biex jitnehhew vetturi jew oggetti mill-eghlieqi

Din l-email giet innotata.

**6.7** Ittra li rcivejna fit-8 ta' Jannar 2009 mis-Socjeta Filarmonika Nazionale La Vallette dwar hargiet ghal-wirja

Din l-ittra giet innotata.

**6.8** Ittra li rcivejna fil-12 ta' Jannar 2009 mill-CareMalta biex jigi nnominat Anzjan ghall-Nazzareno Vassallo Award.

Din l-ittra giet innotata.

**6.9** Email li rcivejna fis-7 ta' Jannar 2009 Memo 02/2009 dwar hatra ta' Kunsillier Responsabbli mill-Progettti Sostenibbli fil-Lokalita'.

Din l-email giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsillier Michael Mifsud jinghata din ir-responsabbilta'.

**6.10** Diversi korrispondenza li rcivejna mis-27 ta' Novembru sas-6 ta' Dicembru 2008 minghand il-MEPA dwar zvilupp fil-lokalita' tal-Gharghur.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.11** Korrispondenza li rcivejna mill-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita mid-9 ta' Dicembru 2008 sad-9 ta' Jannar 2009.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** L-Agent segretarju pprezentat l-Management Accounts ghax xahar ta' Dicembru

2008. Dawn gew approvata unanimament.

**7.2** L-Agent Segretarju pprezentat stima ghal xiri ta' electrical fittings ghat-Torri Semaforu. Gie deciz li nixtru 2 bozoz li jixghelu l-faccata filwaqt li nkomplu naraw x'ser nixtru ghal gewwa.

**7.3** Gie unanimament deciz li l-inawgurazzjoni tal-librerija l-gdida issir fi Frar. Il-Kunsillier Pio Fenech ser jiehu hsieb ix-xiri u twahhil tal-plakka ta' inawgurazzjoni.

**7.4** Is-Sindku nforma li qed isiru l-praparamenti mehtiega ghal-laqgha tal-lokalita' Fil-granet li gejjin ser ikun qed jigi ippreparat il-budget ghas-sena 2009/2010 u ghalhekk talab lill-Kunsillieri sabiex jibghatu s-suggerimenti taghhom lill-Agent Segretarju Ezekuttiv.

**7.5** Is-Sindku nforma li s-Sur Giljan Bezzina kien kien accetta li l-ktieb tieghu jinqaleb ghall-Malti. Gie deciz li l-Agent Segretarju tkompli tikkoordina mas-Sur Bezzina u Din l-Art Helwa u tikseb aktar informazzjoni specjalment dwar il-finanzjament sabiex jigi ippubblikat il-ktieb kif ukoll it-tqassim tieghu. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jixtri1000 ktieb bl-Ingliz u 1000 bil-Malti.

**7.6** L-Agent Segretarju tkellmet fuq l-iskema ta' l-Energy Saving li nistghu napplikaw ghaliha u li se taghlaq fit-30 ta' Jannar 2009. Gie unanimament deciz li Galea Curmi Engineering Consultants jitqabbdu sabiex japplikaw f'isem il-Kunsill Lokali halli issir sistema ta' photovoltiac ghall-ufficcju tal-Kunsill.

**7.7** Gie unanimament deciz li l-laqgha mas-Sur Testa mill-Education Dept issir It-Tnejn, 26 ta' Jannar 09. L-Agent Segretarju ser tiehu hsieb tinforma lis-Sur Testa u lill-Headmistress ta' l-iskola Primarja.

**7.8** Gie unanimament deciz li jitwaqqaf is-servizz ta' indafa ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn minn Salvu Cuschieri.

**7.9** Gie unanimament deciz li s-servizz ta' l-indafa ta' l-ufficcji tal-Kunsill jibda jsir kull hmistax.

***Il-laqgha ntemmet fid-8.45p.m. Laqgha ohra ssejhet ghal nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Mary E Azzopardi | |
| Sindku | Agent Segretarju | Data |